# Il-benefiċċju għal diżimpjieg



ILLUM se nkompli l-ħarsa tagħna lejn il-benefiċċji soċjali li jingħataw għal żmien qasir. Wara li l-ġimgħa l-oħra tkellimna dwar il-Benefiċċju għal Mard, illum se nitkellmu dwar il-Benefiċċju għal Diżimpjieg.

Għal darb'oħra nirringrazzja lill-kollega tiegħi Anton Ċesare (Assistent Direttur għal Customer Care) li tani għajnuna kbira biex inwassal it-tagħrif tal-lum.

*X'inhu l-Benefiċċju għal Diżimpjieg?*

Persuna li taħdem fuq bażi ta' kuntratt ta' servizz u għalhekk tħallas il-kontribuzzjonijiet dovuti (jiġifieri persuna impjegata iżda mhux taħdem għal rasha) tista' tkun intitolata li tirċievi l-Benefiċċju għal Diżimpjieg sakemm din il-persuna tkun qiegħda tirreġistra għax-xogħol taħt l-Ewwel Parti tar-Reġistru miżmum mil-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (ETC).

L-istess bħalma rajna fil-każ tal-Benefiċċju għal Mard ħmistax ilu, biex wieħed jista' jkollu dritt għal dan il-benefiċċju kontributorju jrid ukoll jissodisfa t-test tal-kontribuzzjonijiet.

**It-test tal-kontribuzzjonijiet**

Kif semmejt fl-aħħar artiklu tiegħi il-fattur importanti u determinanti biex persuna tkun intitolata għall-benefiċċji kontributorji huwa t-test tal-kontribuzzjonijiet. Fil-każ tal-Benefiċċju għal Diżimpjieg, fil-prinċipju huwa simili għal dak li ttrattajt għar-rigward tal-Benefiċċju għal Mard.

Fil-fatt il-persuna li titlob dan il-benefiċċju trid tissodisfa żewġ testijiet kontributorji li huma: l-ewwel test, li l-persuna jrid ikollha mill-anqas ħamsin (50) kontribuzzjoni mħallsa bħala persuna impjegata minn mindu daħlet fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali sad-data immedjatament qabel issir it-talba; u t-tieni test, il-persuna jrid ikollha mill-anqas għoxrin (20) kontribuzzjoni mħallsa jew akkreditati bħala persuna impjegata fis-sentejn ta' qabel issir it-talba.

Hawnhekk wieħed jistaqsi kemm idum jitħallas dan il-benefiċċju. Il-massimu ta' żmien li persuna tkun eliġibbli li tirċievi l-benefiċċju huwa ta' sitt xhur (sitt ijiem fil-ġimgħa) jew 156 ġurnata. Biex tingħata dan l-ammont ta' benefiċċju l-persuna jrid ikollha talanqas tliet snin sħaħ ta' kontribuzzjonijiet imħallsin bħala impjegata u li mhux diġà intużaw biex fuqhom tħallsu xi benefiċċji kontributorji oħrajn.

**Ftit eżempji**

Nerġgħu nagħtu ftit eżempji kif għamilt fl-aħħar artiklu tiegħi. L-ewwel eżempju (A), jekk inti tagħmel talba għall-Benefiċċju għal Diżimpjieg illum (allura fl-2010) u matul is-sena preċedenti (2009) ħallast sena sħiħa ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bħala persuna impjegata, inti żgur li se tissodisfa it-testijiet kontributorji msemmija. Se jkollok (i) il-50 kontribuzzjonijiet imsemmijin fl-ewwel test immedjatament qabel it-talba kif ukoll mill-ewwel ta' Jannar sal-ġurnata li spiċċajt mix-xogħol u se jkollok (ii) l-20 kontribuzzjoni li għandek bżonn fit-tieni test.

Eżempju ieħor (B) – nassumu li ilek taħdem għal numru ta' snin u dejjem ħallast il-kontribuzzjoni, għamilt sena wieqaf mix-xogħol u erġajt bdejt taħdem u wara ngħidu aħna sitt xhur taħdem u tħallas il-kontribuzzjoni bħala persuna impjegata (f'sitt xhur jiġu madwar 26 kontribuzzjoni) u erġajt spiċċajt mix-xogħol. Anke hawn, inti se tikkwalifika għaliex se jkollok (i) il-50 kontribuzzjonijiet imsemmijin fl-ewwel test immedjatament qabel it-talba għax se tkun ilek taħdem għal numru ta' snin u se jkollok (ii) l-20 kontribuzzjoni li għandek bżonn fit-tieni test għax fis-sentejn ta' qabel suppost li se jkollok madwar 52 kontribuzzjoni mħallsa għax tkun ħdimt madwar sena.

L-aħħar eżempju (Ċ) – nassumu li ilek taħdem għal numru ta' snin bħala persuna li issa taħdem għal rasha (self-occupied) u dejjem ħallast il-kontribuzzjoni u spiċċajt mix-xogħol. Bdejt tirreġistra għax-xogħol. Hawnhekk inti ma tikkwalifikax għal Benefiċċju għal Diżimpjieg minħabba li għandek kontribuzzjonijiet mħallsin bħala persuna li taħdem għal rasha u mhux bħala persuna impjegata. Dawn il-kontribuzzjonijiet ma jgħoddux għal Benefiċċju għal Diżimpjieg biss iżda naturalment jgħoddu għal kull benefiċċju jew pensjoni oħra li huma kontributorji.

Naturalment, jekk persuna tkun infurmata li m'għandhiex dritt għall-Benefiċċju għal Diżimpjieg, hija tista' dejjem tagħmel Appell quddiem l-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali skont kif ikun indikat fuq l-ittra li tirċievi fi żmien 30 jum minn din l-ittra. Iżda huwa importanti ħafna li qabel tappella, tieħu parir minn xi uffiċjal tagħna fl-Uffiċċji Distrettwali. Dan biex l-ewwel nett ikun żgurat li r-rekord tal-kontribuzzjonijiet tal-persuna huwa aġġornat u anke biex tara jekk tkunx intitolata għall-Assistenza għal Diżimpjieg (Għajnuna Soċjali) jew kif ħafna jafuha, ir-'relief' jew assistenzi oħrajn. Fuq dawn l-assistenzi jkollna l-opportunità li nitkellmu aktar 'il quddiem.

*X'inhuma kontribuzzjonijiet akkreditati?*

Huwa importanti li nerġa' nsemmi l-kontribuzzjonijiet akkreditati. Kif diġà għidtilkom fl-aħħar artiklu tiegħi, kull persuna li ġeneralment tissodisfa t-testijiet kontributorji, fil-każ tal-benefiċċji li jingħataw għal żmien qasir, tista' tikkwalifika għall-kontribuzzjonijietakkreditati. Dawn il-kontribuzzjonijiet akkreditati huma importanti ħafna għax għall-fini tal-mod kif jinħadmu l-benefiċċji kontributorji, inkluż il-pensjonijiet, dawn jitqiesu qishom imħallsin.

Fil-każ tal-Benefiċċju għal Diżimpjieg, il-kontribuzzjonijiet akkreditati jingħataw lil kull persuna impjegata ta' 'l fuq minn 18-il sena għal kull ġimgħa sħiħa li tirreġistara għax-xogħol. Il-ġimgħa sħiħa hija meqjusa mit-Tnejn sas-Sibt. Anke persuna li taħdem għal rasha, għalkemm m'għandhiex dritt għall-Benefiċċju għal Diżimpjieg, hija intitolata għall-kontribuzzjonijiet akkreditati kemm-il darba tissodisfa ż-żewġ testijiet imsemmijin fuq. Ta' min jirrimarka wkoll li persuna taħt it-18-il sena hija intitolata għal kontribuzzjonijiet akkreditati anke jekk tkun ħallset kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali waħda.

**Tajjeb li tkun taf**

Persuna tista' tikkwalifika għal Benefiċċju għal Diżimpjieg wara li tkun ħallset 13-il kontribuzzjoni bħala persuna impjegata. Issa jekk kemm-il darba il-persuna ma tkunx għamlet użu mill-perjodu kollu mogħti lilha fuq talba preċedenti u lanqas ma tkun ħallset it-13-il kontribuzzjoni bħala persuna impjegata hi se tkun intitolata li tirċievi biss id-differenza bejn in-numru ta' jiem oriġinarjament mogħtija u l-għadd ta' jiem attwalment imħallsin qabel issir it-talba l-ġdida.

Eżempju, inti kellek talba għal Benefiċċju għal Diżimpjieg fejn kont ġejt intitolat għal massimu ta' 156 ġurnata. Wara disa' ġimgħat (54 ġurnata) waqaft tirreġistra u bdejt taħdem bħala persuna impjegata fejn domt biss 12-il ġimgħa. Waqaft mix-xogħol u erġajt bdejt tirreġistra. Peress li ma ħallastx il-massimu rikjest ta' 13-il kontribuzzjoni ma terġax tkun intitolat għal 156 ġurnata iżda għal 102 ġranet (156 – 54 = 102 ġranet). Jgħaddu 17-il ġimgħa (102 ġranet) u l-Benefiċċju għal Diżimpjieg jieqaf u wara terġa' tibda taħdem bħala persuna impjegata fejn tagħmel biss ġimgħa waħda xogħol. Dan ifisser li tkun ħallast kontribuzzjoni waħda.

Tibda tirreġistra għax-xogħol iżda ma tikkwalifikax għal Benefiċċju għal Diżimpjieg peress li ma ħallastx 13-il bolla wara l-eżawriment tal-benefiċċju. F'dan il-każ trid talanqas tagħmel 12-il ġimgħa oħra f'impjieg bħala persuna impjegata, tħallas it-12-il kontribuzzjoni biex tkun tista' tikkwalifika għal Benefiċċju għal Diżimpjieg wara li tkun bdejt tirreġistra għax-xogħol.

**Benefiċċju Speċjali għal Diżimpjieg**

Ta' min jirrimarka li persuna assigurata li tikkwalifika għal Benefiċċju għal Diżimpjieg li hija kap ta' familja jew tgħix għal rasha tista' tikkwalifika wkoll għal Benefiċċju Speċjali għal Diżimpjieg diment li l-persuna tagħmel talba għal Assistenza Soċjali għal Diżimpjieg fl-Uffiċċju Distrettwali.

Jekk il-persuna tikkwalifika għal din l-assistenza soċjali, hija mbagħad tirċievi il-Benefiċċju Speċjali għad-Diżimpjieg. Il-persuna tista' wkoll tkun intitolata għal differenza fl-Assistenza Soċjali għal Diżimpjieg jekk ir-rata applikabbli skont in-numru ta' membri fil-familja tkun ogħla mir-rata tal-Benefiċċju Speċjali għal Diżimpjieg.

Biex persuna tikkwalifika għall-Assistenza Soċjali għal Diżimpjieg (u sussegwentement għal Benefiċċju Speċjali għal Diżimpjieg) il-persuna ma tridx teċċedi l-iskala stabbilita tal-mezzi wara li d-Dipartiment inkwistjoni jkun ħa inkonsiderazzjoni d-dħul totali ta' dik il-persuna u d-dipendenti tagħha f'dik id-dar.

Għaldaqstant il-persuna trid tissottometti kull dokument neċessarju fejn juri xi dħul għandha. Dwar dan ikollna l-opportunità li nitkellmu aktar 'il quddiem.

**Il-ħlas tal-benefiċċju**

Kif diġa' spjegajt fl-artiklu ta' qabel, ir-rata tal-benefiċċji kontributorji li jitħallsu għal żmien qasir tiġi stabbilita għal kull jum u mhux fil-ġimgħa bħalma huma l-pensjonijiet, il-benefiċċji u l-għajnuniet l-oħrajn.

Fil-każ tal-Benefiċċju għal Diżimpjieg, persuna li tissodisfa l-kriterji msemmijin aktar qabel tkun intitolata għal jum ta' benefiċċju (bir-rata stabbilita) għal kull kontribuzzjoni mħallsa sakemm dan ma jaqbiżx 156

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika m'hijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*

ġurnata (jew sitt xhur bis-sitt ijiem fil-ġimgħa).

Ir-rata kuljum tal-Benefiċċju għal Diżimpieg għal ġenitur singlu jew persuna miżżewġa li tmantni lill-konjugi li ma jaħdimx jew ma taħdimx full-tajm hija ta' Đ10.85.

Dan ifisser li xi ħadd li jirreġistra għal ġimgħa sħiħa jirċievi benefiċċju li jammonta għal Đ65.81 fil-ġimgħa.

Fil-każ tal-persuni l-oħra, inkluż dawk singoli, ir-rata imħallsa hija ta' Đ7.10 kuljum. Jiġifieri xi ħadd li jirreġistra għal ġimgħa sħiħa jirċievi benefiċċju li jammonta għal Đ42.60 fil-ġimgħa.

Kemm-il darba persuna tikkwalifika għal Benefiċċju Speċjali għal Diżimpieg allura r-rata għal ġenitur singlu jew persuna miżżewġa li tmantni lill-konjugi li ma jaħdmux hija ta' Đ18.22 jew Đ109.32 fuq ġimgħa ta' sitt ijiem waqt li fil-każ tal-persuni l-oħra, inkluż dawk singoli, ir-rata hi ta' 11.90 kuljum. Jiġifieri xi ħadd li jirreġistra għal ġimgħa jirċievi Đ71.40 fil-ġimgħa.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Fl-artiklu li jmiss se nagħti ħarsa lejn il-Benefiċċju għal Korriment fuq ix-xogħol kif ukoll l-Għotja għall-Korriment fuq ix-xogħol.

## Kont taf li…

- L-ETĊ iżżomm tliet reġistri. L-ewwel parti tar-reġistru hija għal dawk il-persuni li jew qatt ma ħadmu jew inkella li sfaw bla xogħol. Persuna biex tkun eliġibbli għal Benefiċċju għal Diżimpieg trid tirreġistra taħt din il-parti tar-reġistru u trid turi l-ħerqa li titħarreġ u/jew taħdem.
- It-tieni parti tar-reġistru hija għal dawk il-persuni li rriżenjaw minn xogħolhom minn jeddhom, inkella tkeċċew mix-xogħol mhux minħabba problemi fl-ażjenda fejn kienu jaħdmu, jew ma pprovdewx id-dokumenti neċessarji biex wieħed jirreġistra għax-xogħol inkella li tneħħew mill-ewwel parti tar-reġistru.
- It-tielet parti tar-reġistru hija għal persuni li diġà jaħdmu iżda li jixtiequ jkunu avżati b'opportunitajiet ġodda ta' xogħol. Taħt din il-parti hemm inklużi wkoll persuni, l-aktar studenti, li qegħdin ifittxu xogħol temporanju. Hemm persuni oħrajn li jixtiequ impieg partajm bħala l-uniku impieg jew jixtiequ impieg ieħor barra dak li diġà għandhom bħalissa.
- Il-Benefiċċju għal Diżimpieg jista' jitħallas biss lil min jirreġistra taħt l-ewwel parti tar-reġistru tal-qgħad. Persuna li titlef ix-xogħol għandha tirrikorri fl-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-ETC fl-Aċċess, 72 Triq Melita, il-Belt Valletta biex tibda tirreġistra taħt l-ewwel parti. Infakkar li meta persuna tirreġistra għax-xogħol l-ewwel darba mal-ETC taħt l-ewwel parti tar-reġistru, dan awtomatikament ikun meqjus bħala applikazzjoni u allura m'hemmx bżonn li wieħed japplika għal dan il-benefiċċju.
- Jekk il-persuna taħseb li għandha dritt għal benefiċċji oħrajn, bħall-għajnuna soċjali, din trid tapplika għalihom xorta. Għalhekk wara din il-persuna tkun tista' tmur fl-eqreb uffiċċju distrettwali tas-sigurtà soċjali biex tistaqsi jekk tkunx intitolata għal xi benefiċċju jew assistenza oħra apparti l-Benefiċċju għal Diżimpieg. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-persuna trid tieħu magħha l-Karta tal-Identità, u dejjem jekk għandha, iċ-Ċertifikat ta' Tmiem ta' Impjieg kif ukoll ċertifikati akkademiċi.

Errata corrige

Fl-artiklu ta' ħmistax ilu, l-ewwel paragrafu taħt is-sotto titolu "Tajjeb li tkun taf" ried jaqra hekk: Huwa importanti ħafna li nsemmi li ċ-ċertifikat il-blu jrid jasal fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sa mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data tal-eżami tat-tabib. Nuqqas ta' dan jista' jtellef milli persuna tirċievi dan il-benefiċċju. Huwa ferm importanti li d-dettalji fuq iċ-ċertifikat mediku jimtlew kollha u jkunu jistgħu jinqraw għax dan jista' jew itellef milli jinħareġ il-benefiċċju inkella tista' tingħata rata ta' ħlas ħażina.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,**
**A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*